

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/986****tat-8 ta' Ġunju 2017****li testendi l-mandat ta' Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 54, il-paragrafi 3 sa 5 tiegħu,

Waqt li jaġixxi bħala l-awtorità mogħtija s-setgħa li taħtar id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tad-19 ta' Mejju 2017,

Billi:

- (1) Is-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT inħatar bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol permezz tal-Att tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2014 <sup>(2)</sup>. Il-mandat tas-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT jiskadi fit-30 ta' April 2018.
- (2) Il-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol jinħatru għal perijodu ta' erba' snin, li jista' jiġi estiż darba f'konformità mal-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/794.
- (3) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tal-1 ta' Mejju 2017 tistipula l-proċedura għall-estensjoni tal-mandat tal-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol,
- (4) Fl-10 ta' Mejju 2017, il-Bord ta' Amministrazzjoni informa lill-Parlament Ewropew li kellu l-intenzjoni li jipproponi lill-Kunsill li l-mandat tas-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT jiġi estiż.
- (5) Il-Bord ta' Amministrazzjoni ppreżenta opinjoni lill-Kunsill fejn ippropona li l-mandat tal-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol, is-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT, jiġi estiż u li l-grad tiegħu jiġi riklassifikat għal grad AD14.
- (6) Abbażi tal-proposta ppreżentata mill-Bord ta' Amministrazzjoni, il-Kunsill jixtieq jestendi l-mandat tas-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Wilhelmus Martinus VAN GEMERT bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol huwa estiż mill-1 ta' Mejju 2018 sat-30 ta' April 2022 fil-grad AD 14, skala 1.

<sup>(1)</sup> ĠUL 135, 24.5.2016, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU C 44, 15.2.2014, p. 3.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

U. REINSALU

---